Kunsill Lokali Fontana

Minuti tas-57(seba u ħamsin) Laqgħa li kienet laqħa ta' Urġenza tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2011 fis-Sala tal-Komunita.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-sur Joseph Xiberras

Għal din il-laqgħa kien hemm prezenti wkoll il-Perit Gordon Vella A&C.E.

Il-laqgħa bdiet b'talba fil-5.40p.m.

Is-Sindku li ppresieda din il-laqgħa t'urġenza għadda għall-uniku materja fuq l-aġenda li kienet tittratta dwar proposti ġodda ta' xogħlijiet fit-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa spjega li kawża tax-xita qawwija li niżlet fil-lejl bejn 29 u 30 ta' Novembru waqgħet parti mill-ħajt fil-kantuniera tan-naħa ta wara, fejn il-bejt ilu mwaqqa' snin twal, tal-fond 189 u 190 Triq il-Għajn (li jmiss mall-parti li ser tinbena fit-tieni fazi). Għaldaqstant il-perit inkarigat mix-xogħol ġie nnotifikat bil-kaz u wara studju tiegħu huwa ressaq proposta ta' xogħolijiet li fl-opinjoni tiegħu għandhom isiru.

Il-Perit Gordon Vella beda billi spjega li biex jevita l-periklu għall-ħaddiema li ser ikun qed jagħmlu x-xogħol biswit il-parti tal-ħajt li ġġarraf trid tkompli titwaqqa' l-parti tal-ħajt li ma waqgħetx u jitnaddaf it-terrapien fejn tqatta' l-blat. Il-Kunsill qabel li qabel jibda x-xogħol tal-bini tal-offerta eżistenti irid jitneħħa dan il-periklu. Barra minhekk il-perit hu ta' l-opinjoni li jrid jiġi mirfud l-ħajt tal-Fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn u għalhekk ippropona li l-parti tan-nofs li għalissa ma kienetx ser tissaqqaf, għanda tissaqqaf biex tirfed il-ħajt ezistenti u li jiġi evitat li ssir ħsara mill-ilma tax-xita fil-futur. L-istima tax-xogħol propost hu ta' madwar €2000 (elfejn euro). B'hekk bil-flus li ser jintefqu tkun qed issir xi ħaġa permanenti u mhux ħajt ta' rfied li meta titkompla t-tielet fażi tac-Ċentru Ċiviku jkun irid jerġa' jinqala'.

Hawnhekk il-kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li ma jinsewx li sar it-*trenching* biex jiġi evitat kull ħsara, li seta jsir lil knisja jew il-fond Nru 189 u 190


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Triq il-Għajn, waqt it-tqattigħ tal-blat u b'hekk il-*variation* ser tkun izjed milli tagħti l-liġi.

Segwitu ta' dan, il-membri qablu li l-perit għandu jikteb ittra biex jintalab permess għall-varjazzjoni tax-xogħol meħtieġ u fejn hu għandu jispjega għaliex dan ix-xogħol huwa neċessarji biex jiġi evitat kull periklu kemm dak li hemm bħalissa kif ukoll dak li jista' jkun hemm fil-futur, jew tinħareġ kwotazzjoni biex jtwettaw dan ix-xogħol.

Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.20p.m.

Il-Minuti ta' din il-Laqgħa ġew ippreparati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras, u ppreżentati fil-Laqgħa tal-Kunsill tat-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 mis-Sur Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv peress li ma setgħux jiġu approvati qabel jiġu approvati l-aħħar tlett laqgħat tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Karl Vella.

| | |
|---|---|
| Joseph Farrugia~~Joe Xiberras~~ | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555